**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Novembru, 2016

Rikors numru : 180/16 AL

AB

vs

Avukat Dr Patrick Valentino u l-P.L. Nadine Farrugia kuraturi deputati nominati bid-digriet tal-20 ta' Gunju, 2016 sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Mejju 2012 f'Khartoum bir-rit tradizzjonali, mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi wara gimgha li l-kontendenti zzewwgu huma sseparaw u l-intimata telqet mid-dar konjugali u l-esponenti assolutament ma jafx x'sar minnha.

3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin separati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg mill-ex mara tieghu l-intimata.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 a' Merjju, 2012.

2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghhom eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awissu, 2016;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ipprova illi l-partijiet ilhom aktar minn erba` (4) snin separati *de facto* minn ma xulxin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.